**MALTA**

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 28 ta' Frar 2020**

**Kumpilazzjoni numru 879/04**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Josric Mifsud)**

**vs**

**Renne` Brincat (ID: 381684M)**
**u**
***Omissis***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Renne` Brincat u *Omissis*** li ġew akkużati talli nhar l-14 ta' Ottubru 2004 għall-ħabta tal-kwarta ta' waranofsinhar ġewwa Triq Sarria, ma' Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana:

1. Waqt li Renne Brincat kien qed isuq jew fil-kontroll ta' karozza tal-linja bin-numru ta' reġistrazzjoni DBY 452, u *Omissis* kien qed isuq jew fil-kontroll ta' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCH 817 b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħhom, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunaw feriti gravi fuq il-persuna ta' Janet Saunders detentriċi tal-passaport Ingliż bin-numru tar-

reġistrazzjoni 202226616 kif iċċertifikat Dr. Armates MD mill-Isptar San Luqa;

2. Waqt li Renne Brincat kien qed isuq jew fil-kontroll ta' karozza tal-linja bin-numru ta' reġistrazzjoni DBY 452, u *Omissis* kien qed isuq jew fil-kontroll ta' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCH 817 b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħhom, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunaw feriti ħfief fuq il-persuna ta' Robert Saunders, detentur tal-passaport Ingliż bin-numru tar-reġistrazzjoni 202226596 kif iċċertifikat Dr. Armates MD mill-Isptar San Luqa;

3. Kif ukoll fl-istess data, ħin u ċirkostanzi saqu vetturi bin-numru ta' reġistrazzjoni DBY 452 u LCH 817 b'manjiera perikoluża.

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti permezz ta' digriet tal-Prim'Imħallef tas-26 ta' Ottubru 2017 wara li l-kawża kienet tħalliet *sine die* fil-31 ta' Lulju 2006 minn din il-Qorti diversament presjeduta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali datat 5 ta' Novembru 2004 sabiex il-kawża tiġi tratta bi proċedura sommarja;[1]

Rat illi fit-22 ta' Frar 2019 ġie ddikjarat proċediment estint fir-rigward ta' *Omissis* stante li ġie nieqes fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab akkużat dwar inċident li seħħ fl-14 ta' Ottubru 2004 ġewwa l-Furjana fejn seħħet ħabta bejn xarabank u vettura konsegwenza ta' liema Janet Saunders ġarrbet feriti gravi filwaqt li żewġha Robert Saunders ġarrab feriti ħfief.

[1] A fol. 16

**Janet Saunders** xehdet illi hija kienet passiġġiera, flimkien ma' żewġha, fuq xarabank u meta kienu waslu viċin il-parkeġġ tal-Belt Valletta semgħet "clank" u sabet ruħha mal-art. Hija tispjega li x-xufier kien qiegħed isuq "steady and definitely not what I would call "fast". Hija xehdet ukoll li ma riditx li l-proċeduri kriminali fil-konfront tal-imputati jitkomplew.

**Robert Saunders** xehed illi huwa sema' u ħass "bang" u hu u martu spiċċaw mal-art fix-xarabank. Jispjega li x-xarabank kien qiegħed jinstaq normali u li l-veloċità kienet waħda normali u għalhekk ma setax jispjega għala waqfet. Xehed ukoll illi huwa ma riedx li jitkomplew il-proċeduri kriminali fil-konfront tal-imputati.

**Joseph Grima** xehed li huwa kien passiġġier f'vettura misjuqa minn ċertu *Omissis* u kienu ħabtu. Però ma ftakar kważi xejn dettalji ta' dan l-inċident.

**Dr. Thomas Armatis** xehed illi fid-data tal-inċident kien eżamina lil Janet Saunders u kien iċċertifikaha li sofriet feriti ta' natura gravi. Huwa esebixxa kopja ta' żewġ ċertifikati rilaxxati minnu.

**Is-Supretendent Josric Mifsud** esebixxa rapport tal-inċident u l-fedina penali tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi d-difiża ssottomettiet illi fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni hemm rinunzja tal-kwerela u għalhekk din il-Qorti għandha tiddikjara proċediment estint fir-rigward tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet. Illi din il-Qorti taqbel parzjalment ma' din is-sottomissjoni. Illi ferita gravi involontarja hija punibbli ai termini tal-artikolu 328 (b) tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li ferita ħafifa involontarja hija punibbli ai termini tal-artikolu 328 (d) tal-Kodiċi Kriminali. Ai termini tal-*proviso* tal-artikolu 328 huma biss dawk ir-reati punibbli ai termini tal-artikolu 328 (d) li huma prosegwibbli bi kwerela. Kwindi d-difiża għandha raġun biss fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, u cioe` ghal dak li jirrigwarda l-ferita ta' natura hafifa.

Għalhekk jibqa' li jiġu eżaminat l-ewwel u t-tielet imputazzjoni. Illi l-uniku żewġ persuni li tefgħu dawl fuq l-akkadut kienu proprju l-vittimi Janet u Robert Saunders u dana għaliex Joseph Grima, li kien passiġġier mal-ko-akkużat, ftit li xejn ftakar dwar l-inċident. Mix-xhieda tal-konjuġi Saunders jirriżulta illi fil-

fatt Janet Saunders sofriet feriti gravi kawża tal-impatt li seħħ bejn ix-xarabank u l-vettura misjuqa mill-ko-akkużat. Però l-konjuġi Saunders xehdu wkoll illi s-sewqan tal-imputat kien wieħed normali u ċertament mhux eċċessiv. Illi sfortunatament il-Prosekuzzjoni ma ppreżentat l-ebda skizz tal-inċident u kwindi din il-Qorti lanqas ma tista' tgħid b'ċertezza jekk, fl-2004, kienx hemm xi sinjali li fuqhom għandha tieqaf vettura fit-toroq li minnhom kienu ġejjin iż-żewġ vetturi involuti f'dan l-inċident. Mill-verżjoni mogħtija lill-Pulizija, *a tempo vergine*, miż-żewġ xufiera jirriżulta illi t-toroq minn fejn kienu ħerġin it-tnejn kellhom *stop sign* u kwindi kellha tapplika r-regola li l-vettura fuq il-lemin ikollha d-dritta. Jirriżulta illi l-vettura li kellha d-dritta kienet ix-xarabank misjuqa mill-imputat. Illum il-ġurnata dan l-inkorċju hu armat bi *traffic lights* però dawn ċertament ma kinux hemm fid-data tal-inċident.

Illi għalhekk din il-Qorti ma tistax tilħaq dak il-grad ta' konvinċiment morali rikjest fil-kamp penali illi l-imputat kien b'xi mod negliġenti fis-sewqan tiegħu u li kawża tal-istess sewqan huwa kkaġuna l-feriti sofferti minn Saunders.

**DECIDE**

Għaldaqstant, il-Qorti, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, qiegħda tiddikjara lill-imputat Renne` Brincat mhux ħati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni u tilliberah minnhom filwaqt li tiddikjara proċediment estint fir-rigward tat-tieni imputazzjoni stante li ġiet rinunzjata minn Robert Saunders.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur